# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Kawża Nru. 2**
**Rik. Nru. 885/09JRM**

**K & L ATTARD LIMITED (C – 12030)**

vs

**IL-KONTROLLUR TAD-DWANA** u b'degriet tal-31 ta' Mejju, 2012, isem l-intimat għandu jaqra Direttur Ġenerali (Dwana)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Settembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjeta` attriċi talbet li l-Qorti (1) ssib illi l-ammont mitlub mill-imħarrek fl-ittra uffiċjali tiegħu tal-25 ta' Awwissu, 2009, ta' disa' mija u sittin elf mitejn tmienja u disgħin ewro (€960,298) bħala dazju tas-Sisa fuq sigaretti u prodotti ta' tabakk m'huwiex effettivament dovut mis-soċjeta` attriċi; (2) issib li l-imħarrek huwa responsabbli għall-qbid inġust u żbaljat tal-merkanzija u għalhekk ma jistax jitlob dazju fuq merkanzija maqbuda

minnu; u (3) tikkundanna lill-imħarrek sabiex iħallasha l-ammont hekk likwidat bħala danni minħabba dan il-qbid ta' merkanzija ammontanti għall-valur li ħallset għalihom. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-23 ta' Settembru, 2008[1], li bih stiednet lill-kumpannija attriċi tirregola ruħha dwar it-tieni u t-tielet talbiet tagħha fi proċedura bħal din;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tal-20 ta' Diċembru, 2009[2], li bih laqgħet it-talba tal-kumpannija attriċi sabiex tirtira t-tieni u t-tielet talbiet tagħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur Ġenerali mħarrek fit-22 ta' Jannar, 2010, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, talab li, minħabba li din il-kawża għandha mertu jixbah lil dik ta' azzjoni oħra tal-istess kumpannija attriċi li kienet miexja quddiem din il-Qorti, din il-kawża tinstema' flimkien ma' dik[3]. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ammont mitlub minnu fl-ittra uffiċjali mertu tal-kawża huwa dovut kif jirriżulta minn verifiki li għamel u għalhekk il-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet attriċi. Żied jgħid li l-kumpannija attriċi, bħala *tax warehouse keeper* liċenzjata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, messha kienet taf x'kienet il-merkanzija li kienet qiegħda tixtri u għaldaqstant ma tistax illum tinħeba wara terz billi tallega li xtrahom minn wara daharha. Jgħid li l-liġi timponi obbligu fuq il-kumpannija attriċi biex tieħu ħsieb ħwejjiġha, ħaġa li l-kumpannija attriċi naqset li tagħmel. Iżid jgħid li minkejja li l-kumpannija attriċi għandha l-jedd li tfittex lil terzi għad-danni li hija ġarrbet, jibqa' l-fatt li t-taxxa tad-dazju hija dovuta minnha. Minbarra dan, il-kumpannija attriċi naqset li tħallsu t-taxxi dovuti fuq dawk il-kunsinni li hija qiegħda taqbel li xtrat *under duty suspension* u li dwarhom il-kumpannija attriċi mhux qed tesprimi dubji dwar il-provenjenza tagħhom. Qal ukoll li ż-żamma tal-kunsinni tat-tabakk saret minħabba li l-kumpannija attriċi kisret il-liġi, iżda dan ma jeħlishiex milli tħallas it-taxxa fuqhom. Fl-aħħar, qanqal l-argument tas-siwi tat-talbiet għar-rilaxx u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni f'kawża ta' din l-għamla;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tal-5 ta' Marzu, 2010[4], li bih laqgħet it-talba tal-imħarrek sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta flimkien mal-kawża l-oħra msemmija;

[1] Paġ. 8 tal-proċess
[2] Paġ. 9 tal-proċess
[3] Riferenza għall-kawża 54/08JRM li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll
[4] Paġ. 22 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2011[5], li bih il-Qorti iddereġiet lill-imħarrek sabiex permezz ta' Nota jindika jekk il-proċeduri kriminali li għalihom ilha ssir referenza fl-Atti ta' din il-kawża, jirreferux direttament għar-rikorrenti jew min minnhom;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrek fit-13 ta' Ottubru, 2011[6], li biha għarraf lill-Qorti bil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra Carmel *sive* Lino Attard u Keith Attard f'isimhom proprju kif ukoll fil-kapaċita` tagħhom ta' Diretturi tal-Kumpannija K&L Attard Company Limited;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2011[7], li bih il-Qorti ordnat it-tressiq tal-provi mill-kumpannija attriċi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 589 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat in-Nota tal-kumpannija attriċi tal-31 ta' Mejju, 2012[8], li biha tiddikjara l-ammont minnha dovut lill-imħarrek;

Rat id-deġriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2012[9], li bih laqgħet it-talba tal-Kontrollur imħarrek w ordnat il-bidla fin-nomenklatura tal-kariga tal-imħarrek fl-atti tal-kawża;

Rat ix-xhieda w d-dokumenti mressqa quddiemha;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju, 2015[10], li bih il-Qorti awtorizżat li t-trattazzjoni ssir bil-miktub, u tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2014[11], li bih il-Qorti laqgħet it-talba tal-kumpannija attriċi sabiex in-Nota ta' Sottomissjonijiet li tressqet fl-atti tal-Kawża 54/08JRM tkun tgħodd ukoll għall-atti ta' din il-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kontrollur imħarrek imressqa fit-30 ta' Settembru, 2015, bi tweġiba għal dik attriċi, li kopja tagħha tinstab fl-atti tal-Kawża 54/08JRM;

Rat l-atti kollha tal-kawża u ta' dik li kienet miexja magħha;

---

[5] Paġ. 29 tal-proċess
[6] Paġ 30 tal-proċess
[7] Paġ. 31 tal-proċess
[8] Paġġ. 33 sa 35 tal-proċess
[9] Paġ. 39 tal-proċess
[10] Paġ 86 tal-proċess
[11] Paġ. 88 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li semgħet t-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati difensuri tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iżżomm milli ssir eżekutiva talba għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju minn dipartiment tal-Gvern. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "K&L") qiegħda tikkontesta talba għall-ħlas magħmula mid-Direttur-Ġenerali (Dwana) mħarrek (aktar 'il quddiem imsejjaħ "id-Direttur") b'ittra uffiċjali li fiha talabha tħallsu somma dwar dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq konsenji ta' sigaretti u tabakk maħżuna minnha matul iż-żmien bejn Marzu u Ottubru u parti minn Novembru tal-2007. K&L tgħid li hija qatt ma akkwistat is-sigaretti in kwistjoni, li iżda nkisbu minn terza persuna li, b'mod qarrieqi u mingħajr ir-rieda tagħha, iddikjarat illi s-sigaretti kienu maħsuba għal kummerċ min-naħa ta' K&L, meta dan ma kienx il-każ. Tgħid ukoll li, minkejja li l-awtoritajiet kienu jafu b'dan il-fatt, id-Direttur xorta għażel li jisħaq li hija tħallsu t-tariffi mitluba fl-ittra uffiċjali tiegħu (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ittra") li bis-saħħa tagħha jrid illi jkollu titolu eżekuttiv. K&L tgħid li, minn dak mitlub, hija lesta li tħallas biss ta' dak li xtrat hi u ġie fil-pussess tagħha. Tixħet il-ħtija għal dak li ġara fuq id-Direttur billi tgħid li ħalla x-xhur jgħaddu qabel ma ressaq it-talba tiegħu għall-ħlas, u ħalla lil terzi persuni jabbużaw minnha. Tisħaq li d-Direttur qiegħed jitlob il-ħlas ta' dazju fuq ħwejjeġ tagħha li nżammu minnu u li tħallew jitgħarrqu għaliex ma riedx jaf bit-talba tagħha għar-rilaxx tagħhom. Talbet li l-Qorti ssib li l-ammont mitlub fl-Ittra m'huwiex minnha dovut u kif ukoll li d-Direttur imħarrek jitqies ħati tal-qbid tal-merkanzija u responsabbli li jħallasha d-danni li ġarrbet;

Illi għal din l-azzjoni l-Kontrollur laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, talab li, minħabba li din il-kawża għandha mertu jixbah lil dik ta' azzjoni oħra tal-istess kumpannija attriċi li kienet miexja quddiem din il-Qorti, din il-kawża tinstema' flimkien ma' dik[12]. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ammont mitlub minnu fl-ittra uffiċjali mertu tal-kawża huwa dovut kif jirriżulta minn verifiki li għamel u għalhekk il-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet attriċi. Żied jgħid li l-kumpannija attriċi, bħala *tax warehouse keeper* liċenzjata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, messha kienet taf x'kienet il-merkanzija li kienet qiegħda tixtri u għaldaqstant ma tistax illum tinħeba wara terz billi tallega li xtrahom minn wara daharha. Jgħid li l-liġi timponi obbligu fuq il-kumpannija attriċi biex tieħu ħsieb ħwejjiġha, ħaġa li l-

[12] Riferenza għall-kawża 54/08JRM li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll

kumpannija attriċi naqset li tagħmel. Iżid jgħid li minkejja li l-kumpannija attriċi għandha l-jedd li tfittex lil terzi għad-danni li hija ġarrbet, jibqa' il-fatt li t-taxxa tad-dazju hija dovuta minnha. Minbarra dan, il-kumpannija attriċi naqset li tħallsu t-taxxi dovuti fuq dawk il-kunsinni li hija qiegħda taqbel li xtrat *under duty suspension* u li dwarhom il-kumpannija attriċi mhux qed tesprimi dubji dwar il-provenjenza tagħhom. Qal ukoll li ż-żamma tal-kunsinni tat-tabakk saret minħabba li l-kumpannija attriċi kisret il-liġi, iżda dan ma jeħlishiex milli tħallas it-taxxa fuqhom. Fl-aħħar, qanqal l-argument tas-siwi tat-talbiet għar-rilaxx u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni f'kawża ta' din l-għamla;

Illi wara li tressqet l-imsemmija Tweġiba, il-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża laqgħet it-talba biex din il-kawża tinstema' flimkien mal-kawża l-ewwel imressqa. Minbarra dan, K&L irtirat it-tieni u t-tielet talbiet tagħha;

Illi, bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża din il-Qorti ma għandhiex x'iżżid mal-fatti li jissemmew fl-atti tal-kawża li kienet miexja ma' din u, biex ma toqgħodx tidħol f'ripetizzjonijiet bla bżonn, tirreferi għalihom;

Illi madankollu, l-Ittra li hija l-mertu ta' din il-kawża ntbagħtet mid-Direttur fil-25 ta' Awwissu, 2009 u K&L laqgħet in-notifika tagħha tlitt ijiem biss wara. F'dik l-Ittra id-Direttur talab mingħand K&L il-ħlas ta' disa' mija u sittin elf, mitejn u tmienja u disgħin ewro (€960,298), rappreżentanti dazju ta' Sisa fuq sigaretti, tabakk tal-brim u tabakk tal-pipa għaż-żmien bejn Marzu u Diċembru, 2007[13]. Mehmuża mal-Ittra kien hemm id-dikjarazzjoni maħlufa tad-Direttur għall-finijiet tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-eżiġibilita` tal-ammont pretiż;

Illi minn dan l-aħħar ammont mitlub, K&L tagħraf li għandha tagħti l-ammont ta' tliet mija tmienja u għoxrin elf, wieħed u sittin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€328,061.14)[14]. Min-naħa l-oħra, tgħid li d-Direttur eleva stokk ta' tabakk mill-maħżen tagħha li jiswa mija u elf, tmien mija wieħed u disgħin ewro (€101,891)[15];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jgħoddu għall-każ, il-Qorti tqis li l-azzjoni ta' K&L trid titqies fil-qafas tal-Artikolu 466(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u l-għan li l-proċedura hemm maħsuba trid tilħaq. Dak l-artikolu jaqa' f'taqsima tal-kodiċi proċedurali li titkellem dwar il-kawżi tal-Gvern, u għaldaqstant hija taqsima li tirregola b'mod partikolari kif titmexxa l-proċedura fejn il-Gvern ikun waħda mill-partijiet. Ta' min jgħid ukoll li l-Artikolu 466 inbidel wara li Qorti ta'

[13] Premessa numru 2 tar-Rikors Maħluf f'paġ. 1 tal-proċess
[14] Dok. "KA1" f'paġ. 35 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Keith Attard f'paġ. 37 tal-proċess

kompetenza kostituzzjonali kienet sabet li l-pretensjoni magħmula minn Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li kienet tissarraf f'titolu eżekuttiv favur il-Gvern bla ma jingħata lill-parti intimata l-possibilita` li tikkontesta tali pretensjoni kienet iġġib ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq[16];

Illi bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni tal-liġi jingħata lil kull debitur li jkun laqa' in-notifika ta' ittra uffiċjali minn Kap ta' Dipartiment ir-rimedju li jitlob li l-Qorti ssib li t-talba mitluba f'dik l-ittra uffiċjali ma hijiex mistħoqqa. Il-liġi torbot li dik l-azzjoni – bħalma fetħet K&L f'din l-istanza – titressaq fi żmien għoxrin jum minn dakinhar li tintlaqa' in-notifika tal-att ġudizzjarju li jkun. Jekk dik l-azzjoni ma ssirx, it-talba magħmula f'att ġudizzjarju bħal dak tinbidel f'titolu eżekuttiv. Hawnhekk toħroġ in-natura proċedurali partikolari ta' att ġudizzjarju bħal dak. Dan ifisser li l-Qorti trid tara jekk il-pretensjoni ta' Kap ta' Dipartiment hijiex mistħoqqa u dan iġib miegħu stħarriġ fil-mertu min-naħa tal-Qorti tad-dejn kontestat;

Illi għandu jingħad li fil-kawża li kienet miexja ma' din, din il-Qorti ma sabitx li K&L tat raġunijiet tajbin biex twaqqa' l-Ittra. F'din il-kawża, K&L ressqet l-istess argumenti, u s-sottomissjonijiet tagħha dwar din il-kawża ressqithom fl-istess Nota ta' Sottomissjonijiet li ressqet fil-kawża l-oħra u li jgħoddu għal din ukoll. F'din il-kawża ftit tressqu provi ġodda li ma kinux tressqu fil-kawża l-oħra. L-Ittra mertu ta' din il-kawża titlob ħlas lil hinn minn dak mistħarreġ fil-kawża l-oħra, għalkemm tirreferi għal żminijiet qrib dawk tal-ittra uffiċjali li wasslet għall-kawża l-oħra. L-ammont mitlub fl-Ittra mertu ta' din il-kawża jirrappreżenta taxxa tas-Sisa fuq sigaretti għaż-żmien bejn l-aħħar ta' Novembru u Diċembru, 2007, taxxa tas-Sisa fuq tabakk tal-brim tas-sigaretti għaż-żmien bejn Marzu u Diċembru 2007, u taxxa tas-Sisa fuq tabakk tal-pipa għaż-żmien bejn Marzu u Diċembru 2007, f'total ta' disa' mija u sittin elf, mitejn u tmienja u disgħin ewro (€960,298)[17];

Illi minn dak l-ammont mitlub, K&L taqbel li għandha tagħti lid-Direttur l-ammont ta' tliet mija tmienja u għoxrin elf, wieħed u sittin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€328,061.14)[18] rappreżentanti parti mit-taxxa tas-Sisa mitluba mid-Direttur fuq sigaretti għall-perjodu bejn l-aħħar ta' Novembru u Diċembru tal-2007;

Illi jifdal għaldaqstant li l-Qorti tistħarreġ jekk id-differenza bejn dak mitlub u dak maqbul, jiġifieri l-ammont ta' sitt mija tnejn u tletin elf, mitejn u sitta u tletin ewro, sitta u tmenin ċenteżmi (€632,236.86), huwiex dovut minn K&L;

---

[16] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil noe et vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.175**)
[17] Ara Tweġiba Maħlufa tal-Kontrollur imħarrek f'paġ. 15 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Keith Attard f'paġ. 38 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "KA1" f'paġ. 35 tal-proċess

Illi fi kliem K&L, l-ammont ta' sitt mija tnejn u tletin elf, mitejn sitta u tletin ewro, sitta u tmenin ċenteżmi (€632,236.86) mhux dovut għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok, l-ammont ta' mija u elf, tmien mija wieħed u disgħin ewro (€101,891), jirrappreżentaw stokk ta' tabakk tal-brim u tal-pipa li ġie elevat mill-Kontrollur mill-maħżen ta' K&L. Ladarba ma sarx il-bejgħ ta' dak l-istokk, K&L tgħid li ebda taxxa m'hi dovuta[19]. Min-naħa tiegħu, id-Direttur jilqa' għal din il-pretensjoni billi jiċħad li l-ammont mitlub jirrappreżenta oġġetti li nstabu fil-maħżen li K&L għandha liċenzjat taħt is-sospensjoni tad-dazju u li ttieħdu minnu. Fi kliemu, dak l-ammont jirrappreżenta dazju tas-Sisa dovut fuq tabakk manifatturat rilaxxat għall-konsum minn K&L matul l-2007 u li fuqu K&L ma ħallsetx it-total ta' taxxi relattivi kif kienet obbligata li tagħmel[20]. Fit-tieni lok, hemm kontestazzjoni fuq l-ammont ta' ħames mija u tletin elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€530,345.86), li jirrappreżenta taxxa tas-Sisa fuq sigaretti għaż-żmien bejn Novembru u Diċembru tal-2007 billi, fi kliem K&L, dawn l-ammont ta' sigaretti ttieħdu minn wieħed Marvin McKay[21] minn wara daharha;

Illi l-Qorti, wara li ħadet qies tal-konsiderazzjonijiet kollha msemmija kemm f'din il-kawża u kif ukoll fil-kawża li kienet miexja magħha, u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-istess kawżi, tasal għall-fehma li l-ammont ta' sitt mija tnejn u tletin elf, mitejn sitta u tletin ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 632,236.86) huwa dovut kollu minn K&L għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ammont ta' mija u elf, tmien mija u wieħed u disgħin ewro (€101,891), il-Qorti tistrieħ fuq ix-xhieda mogħtija minn Mark Borġ, fejn jistqarr li mill-istħarriġ li d-Dipartiment għamel, ħareġ li għas-sena 2007, K&L naqset li tħallas dan l-ammont fir-rigward ta' tabakk manifatturat u li nħareġ mill-maħżen awtoriżżat[22]. Minkejja din id-dikjarazzjoni, K&L naqset li turi li dan l-ammont fil-fatt tħallas minnha. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ammont ta' ħames mija u tletin elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin ewro, sitta u tmenin ċenteżmi (€530,345.86), l-ammont għandu jitħallas ladarba d-dokumenti fil-pussess tad-Direttur juru li K&L irċeviet il-merkanzija u, bil-liġi, K&L hija obbligata li tħallas it-taxxa dovuta fuqhom. K&L ma seħħilhiex tressaq provi li juru li d-dokumentazzjoni li fuqha d-Dipartiment ħadem il-kalkoli tiegħu ma kinitx minnha;

Illi dwar l-argument imressaq minn K&L dwar il-ħtijiet ta' Marvin McKay, il-Qorti ttenni l-fehmiet li hija wriet fil-kawża l-oħra dwar dan l-istess argument u ssib li lanqas f'din il-kawża ma seħħilha K&L tikkonvinċiha li għandha żżomm xi fehma oħra;

---

19 Ara x-xhieda ta' Keith Attard f'paġ. 37 tal-proċess
20 Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur imħarrek f'paġ. 613 tal-atti tal-kawża 54/08JRM
21 Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi f'paġ. 595 tal-atti tal-kawża 54/08JRM
22 Ara l-affidavit ta' Mark Borġ f'paġ. 571 tal-atti tal-kawża 54/08 JRM

Illi, minbarra dan, ladarba wkoll hemm stqarrija min-naħa ta’ K&L li parti mit-talba magħmula mid-Direttur fl-Ittra huwa mistqarr, dan ukoll iwassal biex il-kawża miftuħa minn K&L tfalli minn dak l-aspett u l-Ittra għandha effetti eżekuttivi msaħħa mill-istess stqarrija. K&L ma wriet bl-ebda mod li hija wettqet xi ħlas jew iddepożitat l-ammont mhux kontestat f’xi żmien matul is-smigħ tal-kawża;

Illi dan iwassal lill-Qorti tqis l-ewwel talba attriċi bħala mhix mistħoqqa u għaldaqstant sejra tiċħadha;

Illi billi mill-atti jirriżulta li t-tieni u t-tielet talba attriċi ġew irtirati[23], il-Qorti sejra tastjeni milli tqishom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi,** minħabba li ma tirriżultax mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt,

**Tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet talba attriċi**, billi ġew irtirati;

**Tilqa’ l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mistħoqqa; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**22 ta’ Settembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

[23] Ara Rikors tas-6 ta’ Ottubru, 2009 f’paġ. 9 tal-proċess